MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' April, 2007

Numru 766/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Debono)**

**vs**

**JOSEPH MARY DIFESA**
**CHRISTIAN SCHEMBRI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Mary Difesa ta’ 53 sena iben Guzeppi u Maria nee’ Farrugia, imwieled Valletta fil-21/09/1951 u li joqghod fl-indirizz: Villa Difesa, Triq Santa Clara, Bahar ic-Caghaq. Detentur tal-karta ta’ l-identita numru 723051M.

Christian Schembri ta' 20 sena, iben Joseph u Maria Carmela nee' Sammut, imwieled Pieta fit-3 ta' Gunju 1985 u joqghod 8, Farmhouse, Tal-Budaq, limiti tan-Naxxar. Detentur tal-karta tal-identita numru 298585M gew akkuzati talli fil-17 ta' Lulju 2005, fil-belt Valletta u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. Iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura; jew xjentement ghamlu uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu tali merkanzija; jew xjentement qeghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe madwar audio 1 CD u 292 DVDs allegatament foloz li nstabu fil-vettura KAS 015 u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298(1)(a)(b)(c)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
b. Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor irriproducew jew ikkopjaw, jew bieghu, qassmu, jew mod iehor offrew ghal bejgh biex jitqassmu, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
d. bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw jew mod iehor ipproducew jew ikkopjaw, jew bieghu jew qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassmu minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenzja, jew bhala parti minn attivita' koperta b'tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Avviz Legali 120 tal-1992.

Lil Joseph Difesa wahdu;

ii. ukoll talli safa recidiv ghat-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat

b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati datati 12.05.1994, 12.06.1998, 04.02.2002, 27.06.2002, 27.01.2003, 03.02.05 u 14.07.05.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti u tirrevoka l-licenzja ta' fixed hawker mahruga f'isem Joseph Mary Difesa.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok HBD5 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati ddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Roberto Montalto u Dr Jose' Herrera ghall-imputati iddikjaraw li l-imputat Joseph Mary Difesa m'ghandux licenzja ta' fixed hawker mahruga f'ismu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa', fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni minn Dr Roberto Montalto u Dr Jose' Herrera ghall-imputati, talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika sabiex il-Qorti tirrevoka l-licenzja ta' fixed hawker mahruga f'isem Joseph Mary Difesa.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 18, 298(1)(a)(b)(c) u (f) u 298B u ir-Regolament 2 tal-A.L. 120 ta' l-1992 u fil-konfront tal-imputat Joseph Mary Difesa biss rat ukoll l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph Mary Difesa, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghall-piena komplessiva ta' Elf Liri Maltin (Lm1000) multa.

Issib lill-imputat Christian Schembri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-eta' tenera tal-imputat Christian Schembri u l-fedina penali netta tal-imsemmi imputat Christian Schembri, tillibera lill-istess imputat Christian Schembri taht il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputati Joseph Mary Difesa u Christian Schembri ihallsu minnufih bejniethom f'partijiet ugwali lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' mija u hamsa u sittin Liri Maltin u wiehed u disghin centezmi (Lm165.91) rappresentanti l-ispejjes inkorsi f'din il-kawza rigward l-inkarigu tal-espert Martin Bajada.

Fid-dawl tat-talba tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa' maghmula fil-Verbal tas-Seduta tallum u riportata aktar qabel f'din is-Sentenza sabiex il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika sabiex il-Qorti tirrevoka l-licenzja ta' fixed hawker mahruga f'isem Joseph Mary Difesa, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika.

Inoltre il-Qorti, wara li rat l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna il-konfiska u id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok HBD8 u Dok HBD24.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Christian Schembri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------